MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1032/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Kurt Grima**

## It-Tribunal

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, hames mija u sebgha u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,527.22) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont *Client Contract Number* 454626 rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut dejjem deher ghas-seduti izda kien sprovist mill-avukat. Illi t-Tribunal ikkoncedilu zmien ghar-risposta izda fis-seduta tal-1 ta' Novembru, 2010 t-Tribunal ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta w taht gurament ammetta t-talba izda qal ukoll illi bhalissa huwa residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghaldaqstant m'huwiex f'posizzjoni li jhallas.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz tagha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------